# Numru b'ieħor

Ċettina tħarrket kemm xejn fuq il-pultruna biex biddlet il-qagħda li kienet fiha, mhux biex serrħet xi ftit, iżda aktarx bit-tqanqila li ħakmitha minħabba fli kienet taqra. Fuq fommha ċkejken feġġet tbissima ta' hena u hija ssuktat taqra bi ħrara u b'għoġba li ma bħalhom. Il-persunaġġi ewlenin ta' l-istorja li kellha f'idejha, wara l-ħafna taqtigħ il-qalb li mess lil xortihom, kienu ħabtu ser jibdew jifhmu 'l xulxin u qorbu lejn il-bidu ta' ħajja ġdida mwarrda bis-sliem u bl-imħabba.

Fil-kamra fejn kienet Ċettina kien hemm l-hena. Żiffa l-aktar ħelwa tfewweġ bejn il-bibien imberrħa, tperper il-purtieri ta' bizzilel mill-ifjen, kienet qiegħda bit-tmellis tagħha ttaffi lix-xbejba xxamplata s-sħana tal-jum sajfi.

Ħlief it-tħaxwix tal-purtieri ebda ħoss ieħor ma kien qed jikser il-ħemda. F'daqqa waħda nstemgħet ċempila rqiqa ta' qanpiena. Ċettina nħasdet. Refgħet rasha u għajnejha dlonk marru fuq it-telefon b'ħarsa biċ-ċiera. Nefħet imdejqa u bla ma kompliet tagħti widen, issuktat taqra. Iżda, wara ftit waqtiet, il-qanpiena reġgħet ċemplet aktar fit-tul.

Ċettina kellha bil-qalb it-tajba twarrab il-ktieb u tqum twieġeb it-telefon. "Min id-dinja nqala' dal-ħin!" gergret b'leħen għoli.

"Hullo?" leħenha tbiddel fi ħlewwa.

"Il-lejla għandi bżonn inkellmek," instema' leħen ta' żagħżugħ igħidilha mgħaġġel u xi ftit imbergħen.

"Min inti?" staqsiet ix-xbejba mistagħġba.

"Taf min jien, m'hemmx għalfejn ngħidlek," issokta l-leħen imdagħdagħ mhux magħruf. "Fis-sebgħa-u-nofs inkun fejn il-bieb tal-Mall ħdejn l-istatwa. Qis li tkun hemm. Għalissa, saħħa, għax mgħaġġel."

"Imma..." qabdet ser tħaqqaq Ċettina. Iżda, f'daqqa waħda, iż-żagħżugħ misterjuż qiegħed it-telefon f'imkienu b'tisbita. Mistagħġba, ix-xbejba qatgħet il-linja bil-qajla l-qajla u, wara ftit waqtiet ta' teptip l-għajnejn, infexxet f'daħka. "Kemm hi tajba wkoll!" bdiet tgħid lix-xbieha tagħha fil-mera l-kbira sa ma qagħdet iddeffes f'xagħarha xi beżbużiet li dehrilha li ma kenux f'lokhom. "Dan li hu ħa xi żball... Bir-riħa tagħha ser jibqa'... Aktar ser tikber il-ġlieda!" Faqqgħet daħka oħra, reġgħet inxteħtet fuq il-pultruna u ssuktat taqra.

* * *

Għall-ħabta tas-sebgħa, Ċettina kienet qiegħda tagħmel l-aħħar irtokki tat-twaletta. Kien fiha għaxqa b'suritha rqiqa mistura f'libsa bajda bil-kmiem wesgħin wesgħin jaslulha sa

taħt minkbejha u b'dublett għamla qanpiena kollu piegi, marsus 'il fuq minn qaddha. Xagħarha kien mimxut b'nokkli ta' l-aħħar moda u mfewwaħ, wiċċha midluk bi ftit terra bajda fina, iżda bla *rouge* xejn għaliex ħaddejha ħomor minnhom, u xofftejha ħomor qrolla bil-*lipstick*.

"Hekka nkun naf min hu," kienet qiegħda tgedwed weħidha, "Ta' min jarah jistenna għalxejn... Ħaqqu! Ma kellux jiġi b'dik l-għaġla kollha."

Ftit qabel is-sebgħa-u-nofs, Ċettina kienet wieqfa ħdejn l-istatwa ta' Vilhena. Ħadd ħliefha ma kien wieqaf hemm. Kull min resaq lejn dik in-naħa baqa' għaddej.

L-arloġġ tal-knisja tal-Furjana daqq is-sebgħa-u-nofs. Ċettina ħarset lejn l-arloġġ tagħha u kemmxet xofftejha; ħadd ma kien għadu waqaf hemm jistenna u anqas ħadd ma kien għadu jidher riesaq. Il-minuti bdiet tarahom twal u ħabtet sejra tiddejjaq. Meta l-ħin skorra xi ħames minuti bdiet taħseb ħażin. Min jaf, wara kollox, kenitx xi ħlieqa għaliha n-nfisha? Min jaf raġax ċemplilha jew ċemplitlux hi? Imma issa, fejn kienet ilha ħafna, ħasbet u rat li ma kienet sejra titlef xejn billi toqgħod ftit ieħor.

Ma stennietx għalxejn. Ma damx ma deher żagħżugħ riesaq igħaġġel igħaġġel. Kif wasal ta daqqa ta' għajn ma' dwaru. Meta ma lemaħ lil ħadd ħlief xbejba ma jafhiex gidem xofftejh. Ħares lejn l-arloġġ tiegħu, għolla ħuġbejh u, miċ-ċaqliqa ta' fommu, deher li ġibed xi waħda. Imbagħad, qagħad wieqaf jistenna ftit il-bogħod mnejn kienet Ċettina li, ta' sikwit, bla ma ħallietu jintebaħ biha, bdiet tagħtih xi daqqa ta' għajn minn taħt biex tara x'mossi jagħmel. Bdiet titbissem bilmoħbi għax għoġbitha l-praspura. Għoġbitha l-aktar, iżda, għaliex għoġobha ż-żagħżugħ. Ma kenitx tafu; qatt ma kienet ratu. Biss, billi d-dehra ta' surtu kienet hekk sbejħa, twila u mibruma; billi lbiesu kien jixhidlu li hu minn tajfa ta' nies puliti; billi wiċċu kien hekk jiġbdek, l-aktar għajnejh kbar u suwed kif kienet tħobbhom hi, ħasset x'jiġbidha lejh. U għax ħasset dik il-ġibda, bdiet tiġiha ħniena minnu. Iżda, kull darba li ħabtet tagħmel il-qalb biex tmur fuqu, minħabba dik il-ġibda li bdiet tħoss lejh, kienet tinħakem mill-mistħija u tibqa' fejn tkun.

Għadda ftit tal-ħin sewwa. Iż-żagħżugħ beda jitlef sabru, sikwit iħares lejn l-arloġġ, jonfoħ, igerger minn taħt l-ilsien, iħarrek xi żewġ passi, jgħarrex 'l hawn u 'l hinn u jdaħħan nifs wara ieħor mit-tieni sigarrett li kien kebbes.

Darba minnhom, meta Ċettina refgħet għajnejha lejh, sabitu jħares lejha. Għajnejhom iltaqgħu. Huwa ma qalax ħarstu minn fuqha u hija nfixlet u ħasset ruħha titfawwar bil-mistħija. Ma kenitx minn dawn li tistħi. Iżda l-fakra li hija kienet hemm biex tidħak bih ġegħlitha temmen li huwa,

b'ħarstu, urieha li kien intebaħ x'seta' kien ġara. U għalhekk ħasset regħxa f'demmha. Hekk kbira kienet il-fixla li ħakmitha, li hija qabdet miexja biex titbiegħed minnu.

Iż-żagħżugħ ma baqax ma tâx widen għat-taħwida li qabditha hekk kif ħares lejha u ma stagħġibx ftit. Meta raha dawret wiċċha mgerrxa u qabdet sejra, mexa ftit warajha u, hekk kif laħaqha, waqqafha fil-waqt li bi ħlewwa kbira talabha taħfirlu għall-wiċċ sfiq tiegħu. Wiċċ Ċettina sar minn kull lewn. Ħabtet ser tibqa' miexja iżda ħasset xi ħaġa filħlewwa ta' leħnu tjassarha.

"Xi trid, jekk jogħġbok?" staqsietu mistħija minn taħt l-ilsien.

"Skużani, sinjorina," tenna ż-żagħżugħ imbissem, "Ma tafx tgħidli, jekk jogħġbok, kienx hawn xi sinjorina oħra kemm ilek hawn, hux? Kif qed tarani, ili hawn ħafna għalxejn u kelli laqgħa importanti ħafna.

It-tul fi kliemu laħaq taffielha l-fixla 'l Ċettina u hija setgħet twieġbu bierda u b'xi ftit stagħġib: "Le, kemm ili hawn ma rajt lil ħadd wieqaf".

"Inti ilek hawn, sinjorina?" staqsieha.

"Ili ftit, iva," weġbitu.

"Qabel is-sebgħa-u-nofs?"

"Jaqaw qabel is-sebgħa-u-nofs kellek tiltaqa'?" staqsietu x-xbejba li minnha malajr għebet kull mistħija.

"Iva, għaliex?" staqsieha kurjuż.

"Ma jidhirlekx li ma żammejtx l-appuntament tajjeb?" weġbitu bi tbissima. "Int ġejt biċċa sewwa wara s-sebgħa-u-nofs. Dik li kienet, nistħajjilha, xebgħet tistenna!"

"Ħaġa żgħira!" qalilha bi bruda. "Jew ma ġiet xejn; ħelset ħafif. Kienet taf li ġejja għlieda."

"Ma jidhirlekx li ħadtha bl-aħrax wisq fuq it-telefon?" staqsietu Ċettina daħkana.

Iż-żagħżugħ stagħġeb. "Kif taf?" Inti ħabiba tagħha?"

"Le. Lilha ma nafhiex," weġbitu dejjem bid-daħka fuq fommha. "Iżda 'l dik li kellimt fuq it-telefon nafha tajjeb!"

"Ma nistax nifhmek", qalilha miblugħ. "Lil min kellimt jien?"

"Il-qattusa ferfuxija..." qabdet tgħidlu Ċettina titħielaq bil-qawl.

"Tagħmel frieħ għomja!" qatgħelha kliemha ż-żagħżugħ li nqasam jidħak. Imħatra tawni n-numru tat-telefon tiegħek?"

"Stajt għidtli min inti x'ħin staqsejtek!" ċanfritu bilħlewwa.

"Fejn tobsor!" benġilhielha ż-żagħżugħ imbissem fil-waqt li ħareġ portafoll mill-but u minnu newlilha biljett. "Ħa, ngħidlek issa!"

Fil-ħin li Ċettina kienet qiegħda taqra l-biljett u ż-żagħżugħ iħares lejha, jitgħaxxaq bil-ħlewwa tagħha, dwiet tħeqħima ta' xi ħadd għaddej qribhom. It-tnejn ħarsu lejn mnejn ġiet it-tqaħqiħa. Xbejba fuq tagħha kienet għaddejja lambranzetta ma' żagħżugħ ieħor. Ma ħarsitx lura, biss instemgħet tfaqqa' daħka ta' waħda taqa' u tqum. Iżda kienet ukoll tinħass l-għira fid-daħka tagħha.

Ċettina ħarset lejn iż-żagħżugħ ta' ma' ġenbha li kien għadu miblugħ iħares lejn ix-xbejba l-oħra. F'daqqa waħda, dawwar ħarstu lejn Ċettina u bi tbissima qalilha: "Ma tqarraqtx. Kellix għaliex neħodha bl-aħrax?"

"Tassew," weġbitu serja serja.

Wara ftit waqtiet ta' sikta, Ċettina ġiebet skuża li kien sarilha l-ħin biex titlaq.

"Għall-anqas ma nkunx naf ma' min kelli x-xorti nitkellem il-lejla?" staqsieha ż-żagħżugħ imsaħħar minnha.

Ix-xbejba qatgħetlu xewqtu u huwa, bi tpattija, qatgħelha xewqitha xħin talabha terġa' tiltaqa' miegħu, talba li ġiet milqugħa b'ferħa ġewwiena kif ittenniet wara l-ewwel ċaħda.

Ġużi Mallia.